MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2012

Numru. 86/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Elton Taliana**

**vs**

**Brian Galea**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Brian Galea ta’ 34 sena, iben Grezzju u Carmen nee’ Rotin, imwieled Pieta’ fil-21 ta’ April 1975 u residenti gewwa numru 13, ‘Eclipse’, Triq Dun Gwann Mamo, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita’ numru 217175(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fit-03 ta’ Frar 2010 ghall-habta tas-13.30hrs fi Triq Sant Anton Attard:-

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta’ haddiehor f’periklu car, ikkaguna ferita ta’ natura

gravissima li giet maghmula bi strument li jaqta' jew iniggez fuq il-persuna ta' Joseph Sacco mix-Xaghjra skond kif iccertifika Dr. Raymond Grixti M.D. mic-Centru tas-sahha tal-Mosta u dan ai terminu tal-artikolu 217 u 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ghamel lil Joseph Sacco ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk kien ikun ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

3. Volontarjament kiser il-bon ordni w il-paci pubblika b'ghajjat u storbju.

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata 11 ta' Gunju, 2010 (*esebita a fol. 65 tal-process*) fejn huwa dehrlu li tista' tinstab htija jew htijiet taht dak li hemm mahsub;

(a) Fl-artikoli 214, 215, 216(1)(a), 216(1)(b), 216(2), 217 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(b) Fl-artikoli 338(dd), 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
(c) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li waqt l-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2011 l-imputat Brian Galea ddikjara li hu m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi dan il-kaz jirrigwarda ncident li nqala' fit-3 ta' Frar, 2010 bejn xi haddiema fuq il-lant tax-xoghol precizament fuq is-sit ta' kostruzzjoni bl-isem ta' "Roseville", fi Triq San Anton, H'Attard fejn intuza ingenju tal-kostruzzjoni, precizament rakketta bix-xfafar li giet esebita f'dawn il-

proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar, 2010 u hija mmarkata bhala *Dok ET1* u fejn spicca sabiex wegga' wiehed mill-haddiema, Joseph Sacco li kellu griehi konsistenti fi tlett (3) farretti f'rasu u f'widnejh, liema griehi gew certifikati bhala ta' natura gravi skond ma' jirrizulta mic-certifikat mediku nserit *a fol. 25*[1] tal-attti processwali.

Il-Qorti tinsab rinfaccjata b'zewg verzjonijiet tal-fatti konfliggenti dwar kif graw l-affarijiet. L-allegat vittma Joseph Sacco li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar, 2010 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tat-30 ta' Marzu, 2011, qal li huwa kien beda' jahdem fuq is-sit ta' kostruzzjoni fl-4 ta' Jannar, 2010 u sa mill-bidu nett tnejn (2) mill-haddiema l-ohra, fosthom l-imputat Brian Galea, kienu l-hin kollu jinsulentawh u jghajruh u huwa kien jghidilhom ihalluh bi kwietu ghaliex ma' kellux x'jaqsam maghhom. Dwar il-gurnata tal-incident li jifforma l-mertu tal-kawza, Joseph Sacco spjega li dakinhar huma kienu qed jahdmu l-kontra-bejt u l-foreman kien baghtu jgib pala cement u l-imputat beda jidhaq bih ghaliex l-ixkora li kien qed jiehu c-cement minnha infethet u dan imbaghad beda' jghidlu li hadd ma' kien ser ikellmu iktar fuq il-lant tax-xoghol ghaliex kien duttur. Joseph Sacco jghid li dak il-hin intervjena certu wiehed jismu Zeppi li kien il-habib tal-imputat li beda' jghid hafna paroli zejjed u huwa avvicina lill-imputat sabiex jammonih sabiex ihallih bi kwietu u dan tal-ahhar, u cioe' l-imputat qabad ir-rakketta bil-gebel u tah tlett (3) daqqiet f'rasu biha. Sacco jghid li kellhom isirulu ghoxrin punt f'rasu minhabba dawn id-daqqiet li qala'. In kontro-ezami dan ix-xhud innega li huwa kien qabad lill-imputat minn sidru u li beda' jimxi bih u li kien ser jimbuttah.

L-imputat Brian Galea li xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-30 ta' Marzu, 2011 u kien irrilaxxja stqarrija[2] u l-haddiem l-iehor li kien mieghu Joseph Borg (maghruf bhala Zeppi)[3] min-naha l-ohra t-tnejn qalu li huma kienu

---

[1] Liema certifikat gie konfermat bil-gurament mit-tabib li trilaxjah, Dr. Ray Grixti li xehed waqt l-udjenza tad-29 ta' Marzu, 2010.
[2] Inserita a *fol. 5* tal-atti processwali.
[3] Li wkoll xehed waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar, 2010 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar, 2011.

qed jahdmu fuq il-bejt meta Joseph Sacco avviccina lill-imputat u beda' jghajru bi kliem pastaz ghal xejn b'xejn u meta l-imputat staqsa lil Sacco il-ghala kien qed jinsulentah, Sacco mar lejh bil-girja, qabdu minn sidru u mexa' bih u sbilancjah u huwa spicca sabiex tah daqqa wahda bir-rakketa li kellu f'idu u laqtu f'rasu. L-imputat jghid li rreagixxa b'dan il-mod ghaliex haseb li kien ser jigi mbuttat ghal isfel. Kemm l-imputat kif ukoll Joseph Borg qalu li l-imputat kien hdejn il-magna qed iqatta' l-gebel meta avvicinah Joseph Sacco u li kien hemm distanza ta' bejn wiehed u iehor zewg metri bejn il-magna u l-post fejn kienet ser tinbena l-opramorta. Huma cahdu li fil-passat kienu jinsulentaw u jaqbdu ma' Sacco jew li kienu nqalghu xi ncidenti mieghu.  F'dawn il-proceduri xehdu wkoll zewg haddiema ohra, Yanis Christian Borg u Quinn Camilleri[4] prodotti mill-Prosekuzzjoni li essenzjalment it-tnejn ikkonfermaw il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u minn Joseph Borg. Huma t-tnejn qalu li ma kienux raw il-glieda isehh ghaliex ma kienux fuq il-bejt izda f'sulari ohra tal-bini izda t-tnejn cahdu li fil-passat l-imputat kien jinsulenta jew jghajjar lil Sacco. Quinn Camilleri li kien fis-sular ta' taht fejn sehh l-incident qal li ra lil Sacco imur jigri ghal Brian Galea u semghu jghajru u qal li dan seta' jarah minn dik il-parti tas-saqaf fejn kien hu li ma kinitx imsaqfa u qal ukoll li sema' lill-imputat jghid lil Sacco li huwa ma kienx kellmu.  Dan ix-xhud qal ukoll li wara li sehh l-incident u waqt li kienu qed jistennew lil foreman Joseph Sacco beda' jheddidhom li kien ser jisparalhom.

Ikkunsidrat:

Illi ghalkemm huwa minnu li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghall-liberazzjoni tal-imputat, f'dan il-kaz l-Qorti hija tal-fehma li l-kunflitt fil-provi huwa tali li ma jistghax jitqies li l-Prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Il-Qorti ghandha dubji serji dwar il-kredibilita' tal-allegat vittma Joseph Sacco u dan ghaliex kif intqal aktar il-fuq, ix-xhieda l-ohra prodotti mill-Prosekuzzjoni lkoll ikkorroboraw

[4] Huma xehdu in ezami waqt l-udjenza tal-24 ta' Frar, 2010 u in kontro-ezami waqt l-udjenza tas-17 ta' Frar 2011.

il-verzjoni tal-fatti moghtija mill-imputat u mhux dik moghtija mill-allegat vittma. Inoltre irid jigi rilevat li mix-xhieda ta’ PS 321 Alan La Grasta jirrizulta li kien l-istess Brian Galea, u cioe’ l-imputat, li rraporta l-incident lil Pulizija fejn qal li kien hemm ragel qed jhedded li kien ser jispara. Inoltre t-tabib li ezamina lill-allegat vittma ma’ eskludiex li l-griehi li kellu Joseph Sacco setghu gew kawzati b’daqqa wahda biss, kif qed jallega l-imputat. Il-Qorti jidrilha li l-imputat irnexxielu jipprova sal-grad tal-probabbli li huwa ta d-daqqa ta’ rakketta lil Sacco sabiex jiddefendi lilu nnifsu wara li dan agredih u ghaliex beza’ li kien ser jigi mbuttat ghal isfel u jaqa’ hames (5) sulari. Il-Qorti jidrilha li f’dan il-kaz jissussistu l-elementi kollha ndikati mill-ligi sabiex tirnexxi d-difiza ta’ legittima difesa u jidrilha inoltre li ma kienx hemm sproporzjon bejn l-agressjoni li sofra l-imputat u r-rejazzjoni tieghu ghal talli agressjoni.  L-imputat sejjer ghalhekk jigi dikjarat mhux hati tal-ewwel (1) u tat-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Minhabba l-kunflitt fil-provi li ghada kemm saret referena ghalih aktar il-fuq, l-imputat sejjer ukoll jigi dikjarat mhux hati tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fl-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------